TRIBUNAL GĦAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 10/13-F

**Edmond Balzan**

**vs**

**GO P.l.c.**

Illum 23 ta' Ottubru, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-10 ta' Jannar, 2013 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' disgħa u tmenin ewro (€89), rappreżentanti prezz ta' ħames cards tal-*mobile phone* li kellu jixtri minħabba l-fatt illi l-linja telefonika tad-dar inqatgħet diversi drabi.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li hija rappreżentanta tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kellu s-servizz tal-*landline* fid-dar, inkluż l-*internet connection,* liema linja kienet qed tinqata' diversi drabi, u minkejja diversi lmenti, xorta baqa' bis-servizz ħażin ħafna u ma kienx qiegħed jinqeda.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi dawn kienu problemi sakemm jinqalbu għal cable tal-*fibre optic* u li l-problemi kienu ġew irranġati kollha.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota li illi r-rikorrenti veru sofra inkonvenjent.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas is-somma ta' sittin ewro (€60), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888